C/2026/1851

25.3.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12378 – EFMS / GIC ACQUIRERS / KELDA GROUP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/1851)

1. Fis-17 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EQT Fund Management S.à.r.l. ("EFMS") (il-Lussemburgu), ikkontrollata minn EQT AB (l-Iżvezja),

— Epsom Investment Pte. Ltd ("Epsom") u Nubia Investment Pte. Ltd ("Nubia", flimkien ma' Epsom, "GIC Acquirers") (it-tnejn minn Singapore), it-tnejn kkontrollati minn GIC Group (Singapore),

— Kelda Holdings Limited (flimkien mas-sussidjarji tagħha, "Kelda Group") (Jersey, ir-Renju Unit).

EFMS u GIC Acquirers se jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tat-totalità ta' Kelda Group.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— EFMS hija l-maniġer tal-fond ta' investiment alternattiv ta' EQT Active Core Infrastructure, fond ta' investiment privat li jifforma parti mill-grupp ta' fondi ta' investiment EQT. EFMS hija proprjetà esklużiva ta' EQT AB (publ.). Il-kumpaniji tal-portafoll EQT huma attivi f'varjetà ta' industriji u f'diversi ġeografiji,

— Epsom u Nubia huma żewġ kumpaniji azzjonarji stabbiliti bl-għan li jikkontrollaw l-investimenti fl-infrastruttura li huma ġestiti minn GIC Special Investments Pte. Ltd ("GICSI"), il-fergħa "private equity and infrastructure arm" ta' GIC Group. GICSI tamministra portafoll globali diversifikat ta' investimenti fl-ekwità privata, kapital ta' riskju u fondi infrastrutturali, kif ukoll f'investimenti diretti f'kumpaniji privati,

— Kelda Group hija kumpanija li tipprovdi servizzi tal-provvista ta' ilma u ta' drenaġġ fir-reġjun ta' Yorkshire fit-Tramuntana tal-Ingilterra fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12378 — EFMS / GIC ACQUIRERS / KELDA GROUP

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË